**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 t'April 2017**

**Talba Nru: 508/16 CZ**

**Belair Management Limited**

**vs.**

**Lea Hogg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fid-9 ta' Novembru 2016 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn, tliet mija u erbgha u sebghin Euro u disgha w hamsin centezmu (€2,374.59), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Is-socjeta' Belair Limited hija amministratur ta' l-assocjazjoni ta' sidien ta' appartamenti bl-isek Rocklands Owners Assocaition. Is-socjeta' attrici ggestixxiet [sic: prestat] is-servizzi taghha sabiex isiru riparazzjonijiet u manutenzjoni gewwa blokk ta' appartamenti fejn l-intimata ghandha propjeta' taghha.

Illi l-intimata Lea Hogg hija debitrici ghas-somma ta' elfejn, tliet mija u erbgha u sebghin Euro u disgha w hamsin centezmu (€2,374.59) kif indikat fil-fattura numru ROC 001/16 hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. A'.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, Lea Hogg baqghet inadempjenti fil-hlas.

Ghaldaqstant qieghda ssir talba sabiex Lea Hogg tigi ordnata thallas is-somma ta' elfejn, tliet mija u erbgha u sebghin Euro u disgha w hamsin centezmu (€2,374.59) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici bl-imghax u spejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimata.

Bix-xiehda taghha, minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-3 t'April 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tliet mija u erbgha u sebghin Euro u disgha w hamsin centezmu (€2,374.59) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur